**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 28 ta` Frar 2017**

**Kawza Nru. 7**
**Rik. Gur. Nru. 869/13 JZM**

**Dr. Suzanne Wolfe Martin bhala mandatrici tas-socjeta` Urtica Limited registrata fil-Gzejjer Cayman**

***kontra***

**Claire Valletta Giordano (detentrici tal-karta tal-identita` 408979M) f`isimha proprju u bhala segretarja ta` Bonatrans Group Holdings Limited (C-49189)**

***u***

**b`digriet tat-23 ta` Jannar 2014 Dr Suzanne Wolfe Martin giet awtorizzata tintervjeni fil-kawza *in statu et terminis* bhala mandatarja specjali ta` l-assenti Frantisek Komarek u ta` l-assenti Karel Komarek Sen.**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fid-9 ta` Settembru 2013 li jaqra :-

*i. Illi s-socjeta` esponenti (minn hawn `il quddiem `Urtica`) hija kumpanija registrata u nkorporata gewwa l-Gzejjer Cayman (kopja tac-certifikat ta` registrazzjoni hawn anness u mmarkat bhala `URT1`);*

*ii. Illi Urtica, flimkien mas-socjeta` Malverine Limited (kumpannija ohra registrata gewwa l-Gzejjer Cayman) kienu l-ahhar zewg azzjonisti ta` Bonatrans (kopja ta` Memorandum & Articles ta` Bonatrans hawn anness u mmarkat bhala `URT2`);*

*iii. Illi ai termini ta` rizoluzzjoni tas-socjeta` Bonatrans, tneddiet porcedura ta` xoljiment, liema wasslu sabiex l-intimata Geraldine Schembri tigi appuntata bhala likwidatur – is-socjeta` Bonatrans eventwalment giet stralcjata fir-4 jum ta` Ottubru 2011 (kopja tan-notifika da parti ta` l-Awtorita` Maltija ghas-servizzi finanzjarji hawn annessa u mmarkata bhala `URT3`);*

*iv. Illi sussegwentament, is-socjeta` Urtica nediet ezercizzju liema huwa ntiz inter alia sabiex jistabilixxi li l-elementi li jikkostitwixxu x-xoljiment tas-socjeta` Bonatrans, kienu maghmula fl-ahjar interess ta` l-azzjonisti, tas-socjeta` Bonatrans, kif ukoll tal-beneficjarji;*

*v. Illi in vista tas-suespost inbdew proceduri gewwa l-Principat ta` Liechtenstein, liema wasslu sabiex it-tlett azzjonisti precedenti ta` Bonatrans (it-tlieta li huma fondazzjonijiet registrati gewwa l-istess Principat, gew eventwalment mibdula u posthom mehud mis-socjeta` rikorrenti u Malverine Limited), gew integrita u restitwiti l-hajja u l-isem fir-registru, u sussegwentament gie appuntat kuratur sabiex jiehju hsieb l-operat taghhom;*

*vi. Illi in linja ma` dak li kien qieghed isehh gewwa gurisdizzjonijiet ohra, giet intavolta rikjesta ghal informazzjoni datata 28 ta` Mejju 2013 lis-segretarju qua intimata fil-proceduri odjerni, bir-risposta datata 21 ta` Gunju 2012 inter alia tispecifika li,*

> *"After consulting my legal advisors, please note that I have been advised that before considering your request any further, you should provide me with an original, notarised and legalised Board Resolution of Urtica Limited confirming that your firm has been authorised by Urtica Limited to make the requests you made in your letter of 28, May, 2013"*

*(kopja ta` l-ittra u risposta hawn annessi u mmarkati bhala URT4);*

*vii. Illi tali mandat gie provdut kif kien rikjest, izda l-informazzjoni rikjesta xorta wahda ma gietx provduta, stante li fl-ittra datata 30 ta` Awwissu 2013 gie ndikat li,*

*"After consulting my legal advisors, may I inform you that as my function terminated with the dissolution of the company, I am not in a position to provide you with the information you requested"*

*(kopji tar-risposta hawn annessi u mmarkati bhala URT5);*

*viii. Illi ghaldaqstant, Urtica kienet kostretta li tintavola mandat ta` deskrizzjoni sabiex inter alia tikkawtela l-interessi taghha billi d-dokumenti li qed jintalbu minghand l-intimata qua likwidatur jigu mharsa u protetti (kopja tal-mandat ta` deskrizzjoni hawn anness u mmarkat bhala URT6).*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi ordni, provvediment u dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, joghgobha :-*

*i. Tiddikjara li, is-socjeta` attrici ghandha d-drittijiet kollha, jew in parte, li jkollha access ghall-informazzjoni u dokumenti kollha, jew in parte, dwar Bonatrans Group Holdings Limited (C-49189) u dana in vista tal-pozizzjoni li hija kienet tokkupa fil-kumpanija Bonatrans Group Holdings Limited, qabel din gie xolta.*

*ii. Tiddikjara li r-rifjut da parti tal-konvenuta li tforni l-informazzjoni u d-dokumenti mitluba mis-socjeta` attrici, jikser l-obbligazzjonijiet assunti meta giet accettata l-hatra ta` segretarja, u dana bi ksur ta` inter alia l-artikoli li jirregolaw lis-segretarja fil-kapitolu 386 tal-ligijiet ta` Malta.*

*iii. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex taghti access lis-socjeta` attrici ghal informazzjoni kollha, jew in parte, u tforni kopji tad-dokumenti kollha, jew in parte, ilkoll relatati ma` Bonatrans Group Holdings Limited (C-49189) li din l-Onorabbli Qorti hekk iddikjarat.*

*iv. Tiddikjara illi in vista ta` l-agir u komportament da parti tal-likwidatur fil-konfront tat-talbiet li saru mis-socjeta` attrici, l-istess socjeta` attrici soffriet id-danni pekunarji.*

*v. Tikkundanna, okkorrendo bl-opera ta` esperti nominati minn din l-Onorabbli Qorti, lill-konvenuta, thallas id-danni li gew ikkawzati mill-agir u l-komportament taghha.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa stess ingunta in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti.

Rat ir-risposta guramentata li pprezentat Claire Valletta Giordano fit-22 ta` Ottubru 2013 li taqra hekk :–

***Risposta ghall-fatti dikjarati***

*1. Illi l-fatti esposti fl-ewwel tliet paragrafi tad-dikjarazzjoni attrici mhumiex kontestati.*

*2. Illi dwar il-fatti dikjarati fir-raba` paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici, trid issir prova dwar l-istess kif ukoll tar-rilevanza ghall-fatti tal-proceduri odjerni. In oltre jinkombi fuq l-attrici li taghmel prova dwar l-interess tal-imsemmija socjeta` rikorrenti li tniedi dan l-ezercizzju issa li l-process ta` stralc ilu zmien maghluq.*

*3. Illi l-fatti dikjarati fil-hames paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kontestati fis-sens li trid issir prova tal-proceduri allegati ghalkemm mhuwiex car x`rilevanza jista` jkollhom dawn il-proceduri ghaliex fl-ahhar mill-ahhar l-azzjonisti ta` Bonatrans Group Holdings Limited meta dina tqeghdet fi stralc kienu proprju Malverine Limited u Urtica Limited;*

*4. Illi dwar il-fatti dikjarati fis-sitt paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici, mhuwiex kontestat illi hija rceviet l-ittra ndikata tat-28 ta` Mejju 2013 u li hija baghtet risposta permezz ta` ittra datata 21 ta` Gunju 2013.*

*5. Illi l-fatti dikjarati fis-seba` paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici mhumiex kontestati.*

*6. Illi ghal dak li jirrigwarda l-mandat ta` deskrizzjoni msemmi fil-paragrafu tmienja tad-dikjarazzjoni attrici, mhuwiex kontestat illi gie ezegwit l-imsemmi mandat ta` deskrizzjoni ; ghandu jizdied illi hija pprovdiet l-*

*informazzjoni necessarja lill-marixxali ezekutanti dwar id-dokumentazzjoni li ghandha fil-pussess taghha;*

***Eccezzjonijiet***

1. *Preliminarjament in-nullita tar-rikors guramentat ai termini tal-artiklu 789 (1) (c) tal-Kap. 12 in kwantu kif gie redatt ir-rikors guramentat huwa nieqes ghal kollox minn kawzali car li jiddetermina l-bazi tal-kawza attrici.*

2. *Illi minghajr pregiudizzju ghall-premess, issa li Bonatrans Group Holdings Limited gie xjolta u struck off, hija ma ghandha l-ebda posizzjoni fl-imsemmija kumpannija u kwindi l-funzjoni taghha bhala segretaria tal-kumpannija intemmet hekk kif il-kumpannija giet xjolta u gie nominat stralcjarju; jezisti nuqqas ta` interess giuridiku da parti tas-socjeta` attrici li tippromuovi dina l-kawza.*

3. *Illi l-process ta` stralc gie konkluz u l-imsemmija socjeta` Bonatrans Group Holdings Limited giet struck off fl-4 ta` Ottubru 2011 wara li l-istess azzjonisti tal-kumpannija, inkluz Urtica Limited, approvat rizoluzzjoni sabiex il-kumpannija tigi xjolta, approvat l-iskema ta` distribuzzjoni u l-operat tal-esponent qua stralcjarju, bil-konsegwenza ghalhekk illi s-socjeta` attrici ma ghandha l-ebda drittijiet u/jew rimedji sakemm l-istess socjeta` tibqa` struck off.*

4. *Illi minghajr pregjudizzju ghall-premess, ma jezisti l-ebda dritt skond il-ligi li jaghti dritt lil azzjonista li jkollu access ghal dokumenti jew informazzjoni dwar il-kumpannija, aktar u aktar minghand is-segretarju tal-istess kumpannija; fuq kollox ma jezisti l-ebda obbligu fuq segretarju tal-kumpannija li jforni din l-informazzjoni lil azzjonista wara li ntemm il-process ta` stralc u l-kumpannija giet struck off.*

5. *Illi l-esponenti ma ghandha l-ebda responsabbilta` ghad-danni fil-konfront tas-socjeta` attrici u fi kwalunkwe kaz mhuwiex minnu illi s-socjeta` attrici sofriet xi danni pekunarji.*

6. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta guramentata ulterjuri li pprezentat Claire Valletta Giordano fis-<u>26 ta` Novembru 2013</u> li taqra hekk :–

*Illi peress illi s-socjeta` attrici hija registrata gewwa l-gzejjer Cayman u tinsab rapprezentata f`dawn il-proceduri minn mandatarja specjali li mhijiex ta` nazzjonalita` Maltija u lanqas residenti hawn Malta, is-socjeta` attrici jehtieg li tirregolarizza l-atti tal-kawza odjerna billi skont il-ligi jehtieg li jkollha rapprezentanza gudizzjarja fizika gewwa Malta.*

Semghet ix-xhieda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat illi fl-udjenza tal-11 ta` Lulju 2016 kien hemm qbil illi kull prova li tressqet fil-kawza fl-ismijiet *Dr Suzanne Wolfe Martin noe vs Geraldine Schembri et noe (Rik. Gur. Nru. 870/2013 JZM)* tkun tikkostitwixxi prova ghall-fini ta` din il-kawza.

Rat id-digriet illi tat fit-13 ta` Ottubru 2016 fejn ipprovdiet illi kienet sejra taghti decizjoni dwar l-ewwel tliet talbiet attrici.

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet.

**Rat id-digriet li tat fl-udjenza tat-28 ta` Novembru 2016 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum dwar l-ewwel tliet talbiet attrici.**

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet *Dr Suzanne Wolfe Martin noe vs Geraldine Schembri et noe (Rik. Gur. Nru. 870/2013 JZM).*

## II. Provi

**L-attrici** xehdet illi hija cittadina Svizzera. Ir-residenza u d-domicilju taghha kienu fl-Isvizzera izda kienet sejra tistabilixxi ruhha Malta. Inghatat *residence permit* Malti fit-13 ta` Jannar 2014, liema permess huwa validu sal-11 ta` Dicembru 2018. Kienet registrata biex thallas it-taxxa Malta.

Stqarret illi d-dokumenti li pprezentat jaghtu l-isfond fattwali tal-kumpannija Bonatrans Group Holdings Limited ("**Bonatrans**").

Qalet illi Dok SWM 5 hija ittra tat-30 ta` Lulju 2013 li baghtet ghan-nom tal-kumpannija Urtica Limited ("**Urtica**") registrata fil-Cayman Islands lill-konvenuta. Il-konvenuta kienet mitluba tipprovdi dokumenti li pero` baqghu ma nghatawx.

Spjegat li l-konvenuta kienet il-*company secretary* ta` Bonatrans u kienet obbligata li tforni d-dokumenti mitluba.

Fit-30 ta` Awissu 2013, irceviet risposta minghand il-konvenuta fejn din sostniet illi Bonatrans ma kinitx ghadha tezisti u li kienet tnehhiet mir-Registru tal-Kumpanniji. Insistiet illi r-rwol taghha intemm max-xoljiment tal-kumpannija u ma kinitx ghadha fil-pozizzjoni li tforni l-informazzjoni rikjesta.

Sar mandat ta` deskrizzjoni.

Xehdet illi hija tirrapprezenta lil Karel Komarek (Senior). lil Karel Komarek (Junior) u lil Frantisek Komarek, li huma l-*beneficial owners.* Kienu l-firmatarji tal-*letter of instructions* lil Ganado & Associates fil-5 ta` Marzu 2010. Permezz taghha kienet kostitwita Bonatrans. Frantisek Komarek ghandu interess ta` 20%, Karel Komarek ghandu 20%, waqt illi Jitka Komarkova li hija bint Karel Komarek ghandha 60%.

Kompliet tghid li kien hemm varji *receivables* li ma kinux *accounted for* kif ukoll li l-klijenti taghha ma kienux moghtija informazzjoni dwar dawn ir-*receivables.*

Bonatrans kellha diversi interessi finanzjarji fi kumpannijii kbar.

L-*individual ultimate beneficial shareholders* kienu avzati biex jipprocedu fil-Lichtenstein fejn certu *foundations* gew *reinstated.*

Spjegat li fil-proceduri fil-Lichtenstein, l-ghan huwa li tingabar informazzjoni dwar kif l-assi gew utilizzati. Kien mahtur kuratur u qed ikun hemm zviluppi u ko-operazzjoni bejn l-avukati minn Malta u mill-Lichtenstein.

Il-kawza Rik. Nru. 870/13 JZM kienet tinvolvi lil Geraldine Schembri li kienet l-istralcjarju ta` Bonatrans.

Fil-**<u>kontroezami</u>** xehdet illi qatt ma rat l-istruzzjonijiet li tat Jitka Komarkova. Sostniet li ma ghandhiex access ghad-dokumenti li gew moghtija lil Ganado & Associates. L-unika dokumenti li ghandha huma l-ittri ta` Frantisek Komarek u Karel Komarek. Abbazi tad-dokumenti li ghandha hi, tista` tikkonferma li Bonatrans kellha tliet beneficjarji. Il-persuni li semmiet kienu l-*ultimate beneficiaries* abbazi tal-fatt illi meta jkun hemm kostituzzjoni ta` *trust*, l-*ultimate beneficiaries* jkunu jridu jahbu l-identita` taghhom. Kien hemm *foundations* istitwiti fil-Lichtenstein li kienu maghluqa hemm, u trasferiti lejn il-Cayman Islands. Ganado & Associates kienu jafu min kien il-klijent.

Apparti l-*letter of instructions*, qalet illi ma tafx b`dokumenti ohra li kienu ffirmati mit-tlett persuni li semmiet. Fil-fatt Frantisek u Karel huma l-*beneficial owners* ta` zewg fondazzjonijiet bl-isem ta` Alesia u Nasia. Bonatrans kellha kumpannija li kienet tissupplixxi roti ghal *trains* madwar l-Ewropa. In-negozju kien gestit minn White & Case. Wahda mill-kawzi fil-Lichtenstein saret kontra White & Case.

Kompliet tghid li Dr Igor Rusek huwa l-persuna li originarjament waqqaf il-fondazzjonijiet li kienu l-azzjonisti originali ta` Bonatrans. Mill-informazzjoni illi ghandha, il-klijenti taghha kienu l-*original founders* tat-tlett fondazzjonijiet li kienu l-azzjonisti ta` Bonatrans. F`xi zmien l-ishma fi Bonatrans marru minn fondazzjonijiet ghal kumpanniji.. Wahda minn dawn il-kumpaniji kienet Urtica u l-ohra kienet Malverine Limited ("**<u>Malverine</u>**"). Frantisek Komarek u Karel Komarek huma l-*ultimate beneficial owners* ta` Urtica.

**<u>Dr Igor Rusek</u>** xehed illi kien ilu snin involut fin-negozji tal-familja Komarek.

Ir-rwol tieghu kien illi jaghti pariri dwar *strategic structural items* ta` kif kellu jitmexxa n-negozju tal-familja.

Kien diskuss illi jigu kostitwiti fondazzjonijiet.

Spjega li fin-negozju ta` l-familja Komarek, kien hemm involuti : Karel Komarek it-tifel li kien il-persuna li kien qed jmexxi ; imbaghad kien hemm Karel Komarek il-missier ; Jitga Komarkova it-tifla ta` Karel Komarek il-missier u Frantisek Komarek li jigi hu Karel Komarek il-missier.

Xehed illi n-negozju kiber u nghata l-parir illi ssir fondazzjoni skont il-ligi tal-Lichtenstein. L-isem kien Valea Foundation. Din kienet izzomm 100% tal-*family holdings.* Komarek il-missier, Komarek iz-ziju u Komarkova kienu

mpjegati b`salarju izda kien ikollhom jistennew *dividends* mill-paga ta` Komarek it-tifel. Kien ghalhekk li wara saru tlett fondazzjonijiet separati : Aleisia, Siama u Nausara skont il-ligi tal-Lichtenstein. Dawn il-fondazzjonijiet gew krejati ghall-interessi ta` Karel senior, Jitga u Frantisek.

It-tliet fondazzjonijiet ma kellhomx partecipazzjoni fin-negozju tal-familja izda kienu intitolati ghal pagamenti fl-eventwalita` li l-*main holding foundation* tiddeciedi li ghandha taghti xi ammonti.

Inqala` inkwiet fil-familja meta Komarek it-tifel iddecieda illi jaqsam in-negozju tal-familja f`zewg negozji differenti. Kien deciz illi x-xoghol assocjat ma` l-industrija, bhala Bona Trans Group, jigi trasferit lil Komarek il-missier, Komarkova u Frantisek, tramite t-tlett fondazzjonijiet Aleisia, Siama u Nausara. Bona Trans Group kien trasferit lit-tlett fondazzjonijiet billi Jitga tiehu 60% waqt illi Komarek il-missier u Frantisek jiehdu 20% kull wiehed.

Xehed illi Komarek it-tifel kien assistit minn persuna li kienet partner fid-ditta legali White & Case fi Praga. Dan kellu pozizzjonijiet importanti fil-bordijiet ta` kumpanniji kienu gew krejati. Huwa l-istess persuna li kien imbaghad sar ir-ragel ta` Jitga.

Huwa ha hsieb il-holqien tal-erba` fondazzjonijiet.

Huwa l-*protector* tal-fondazzjoni Valea.

Ma kienx infurmat bil-bdil li sar u ghalhekk ma tantx hemm wisq x`jista` jghid dwar li gara.

Bil-kawza tal-lum, intalbet l-informazzjoni dwar li gara.

Mill-ftit illi sar jaf, sab illi t-tlett fondazzjonijiet – u cioe` is-"*satellite foundations*" - gew rimpjazzati b`fondazzjonijiet ohra, u anke bil-formazzjoni ta` kumpanniji. Kollox sar bla ma kien infurmat hu, jew il-beneficjarji jew il-*protectors* l-ohra. Id-decizjonijiet ma ttiehdux minn dawk li ghamlu l-fondazzjonijiet.

Spjega li l-istrutturi l-godda kienu l-kumpanniji Malverine u Urtica. Ir-ragel ta` Jitga kellu pozizzjoni fil-bordijiet ta` z-zewg kumpanniji.

Urtica ghandha bhala 100% azzjonist lil Karel Komarek snr. Malverine ghandha bhala 100% azzjonist lil Jitga Komarkova. Malverine ghandha 98% ta` Bona Trans Group waqt li Urtica ghandha 2% interess.

Xehed illi huwa ma kienx involut fil-kostituzzjoni ta` Bontrans. L-istruzzjonijiet gew mir-ragel ta` Jitga Komarkova jismu Ales Cechel ("**<u>Cechel</u>**").

Huwa qal illi talab l-informazzjoni lil Cechel izda baqa` b`xejn. L-informazzjoni intalbet ukoll minghand Ganado & Associates, izda baqa` b`xejn anke minghand dawn.

Kompla jghid li fil-Lichtenstein gara l-istess. Cechel ta struzzjonijiet lil agenzija lokali biex tifforma strutturi hemmhekk. Fil-proceduri tal-Lichenstein, kien hemm ezitu favorevoli sabiex tinghata l-informazzjoni. Dak li sehh kien illi nbidlu l-*protectors* tal-fondazzjonijiet. Imbaghad sar trasferiment ta` l-assi ghal kumpanniji jew entitajiet godda, filwaqt li l-fondazzjonijiet gew xjolti.

Fisser illi kienet qeghda tingabar informazzjoni kemm jista` jkun sabiex jigu ravvivati t-tlett fondazzjonijiet. Huwa diga` appuntat kuratur tat-tlett fondazzjonijiet. Huwa qed jikseb informazzjoni dwar x`sar mill-assi tat-tlett fondazzjonijiet : Nausara, Aleisia u Siama. Jekk jikseb informazzjoni li turi illi t-trasferimenti li sehhew kienu llegali, allura jiehu passi sabiex il-fondazzjonijiet originali jerga` jigi stabbilit.

Sahaq illi l-istruttura originali saret bhala pjan ghal generazzjonijiet futuri. Bil-bdil illi sar il-pjan sfaxxa. Kien hemm bzonn li tigi ndagata r-raguni ghalfejn sehh dan kollu.

Fil-**<u>kontroezami</u>** ppreciza illi huwa hareg bl-idea li jsiru l-fondazzjonijiet. Fil-fatt huwa hejja d-dokumentazzjoni kollha tal-fondazzjonijiet inkluz l-istatuti kif ukoll ddepozita l-flus biex gew krejati l-istess fondazzjonijiet.

Sostna li huwa holoq Valea ; imbaghad it-tlett fondazzjonijiet l-ohra.

Il-beneficcjarji tat-tlett fondazzjonijiet fiz-zmien meta saret Bonatrans kienu :- (i) Frantisek Komarek u d-dixxendenti tieghu ; (ii) id-dixxendenti ta` Jitga Komarkova u (iii) in-neputijiet ta` Karel Komarek snr.

Qal li bl-istruttura, l-ebda membru mill-familja Komarek ma thalla barra.

It-tlett fondazzjonijiet ffurmaw Bonatrans fl-2010. Din kellha l-assi importanti. It-tliet fondazzjonijiet saru azzjonisti.

Qal illi Karel Komarek jnr qaleb kollox billi l-ewwel holoq Valea. Imbaghad holoq it-tlett fondazzjonijiet : Aleisia, Siama u Nausara.

Dwar id-dokumenti ezebiti relatati ma` proceduri mehuda fil-Lichtenstein, spjega li Juri u Kristina Scampa kienu l-ewwel *protectors* tat-tlett *satellite foundations* Aleisia, Siama u Nausara.

Dawn tnehhew mill-inkarigu minghajr ma lanqas gew infurmati.

Qal illi Veronica Komarkova tigi bint Karel Komarek jnr waqt illi Patrick Komarek huwa iben Frantisek Komarek.

Stqarr illi bil-bdil li sar, il-fondazzjonijiet ma baqghux l-istess.

Qal illi fondazzjoni hija persuna guridika skont il-ligi tal-Lichtenstein.

Qal illi ma kienet ittiehdet l-ebda azzjoni kontra Malverine jew dawk li kienu diretturi ta` Bonatrans.

Fil-**kontroezami** xehed illi kull fondazzjoni ghandha beneficjarji differenti. Fil-fondazzjonijiet hemm id-dixxendenti ta` Frantisek Komarek, Karel Komarek Senior u Jitka Komarkova. Mid-deskrizzjoni li tirrizulta fil-byelaws ta` dawn il-fondazzjonijiet, Frantisek Komarek, Karel Komarek Senior u Jitka Komarkova ma humiex imnizzla bhala *a specified economic founder* jew *beneficiary.* Il-fondazzjonijiet kien saru sabiex jithallsu spejjez ta` trobbija u edukazzjoni, kif ukoll biex jiehdu hsieb l-ispejjez kollha necessarji ghal matul hajjithom ; b`hekk jigi assigurat *standard of living* adegwat. Il-fondazzjoni kellha poteri diskrezzjonali fis-sens li l-ammont ta` beneficcji ma kienx stabbilit izda kellu jigi deciz mill-bord tal-fondazzjoni u *protectors.* Il-beneficjarji kellhom jibqghu l-istess ghal dejjem.

Ipprezenta dokumenti li juru min kelllhom ikunu l-ewwel *protectors* tat-tlett fondazzjonijiet, kif kellhom jirrizenjaw u kif kellhom jigu s-successuri l-godda. Jidher illi Karel Komarek huwa l-persuna wara Urtica.

Qal illi l-fondazzjonijiet ma setghux joperaw attivitajiet kummercjali.

Spjega li l-fondazzjonijiet kienu ntizi sabiex izommu assi u jircievu assi.

Ikkonferma li skont l-artiklu 5.3, il-beneficjarji u l-principji dwar distribuzzjoni ta` assi kellha tigi determinata mill-*founder*, ossija hu stess.

Sostna li ma kienx hemm zmien specifikat ghad-durata tal-fondazzjoni. Skont il-ligi tal-pajjiz fejn dawn il-fondazzjonijiet kienu stabbiliti, il-fondazzjonijiet huma perpetwi ; ma hemmx *maximum lifespan.*

Huwa rrefera ghar-rizoluzzjoni tal-bord ta` *protectors* ta` Siama Foundation datata 10 ta` Awissu 2010, li kienet iffirmata fost ohrajn minn Jitka Komarkova. Hemm inghad illi l-fondazzjoni kienet qeghda tigi xolta b`effett immedjat peress li l-ghan taghha kien gie kompletat wara li l-assi kienu kollha distribwiti fost il-beneficjarji. Huwa ma kienx jaccetta dik ir-rizoluzzjoni. Mhux minnu li saret xi distribuzzjoni lill-beneficjarji.

Ipprezenta wkoll dokumenti li jindikaw l-fondi li huwa kien pogga ghall-krejazzjoni tal-fondazzjonijiet.

Spjega li skont l-artikolu 2.4 ta` l-istatut ta` kull fondazzjoni, membru tal-bord tal-*protectors* kellu jirrizenja mill-ufficju tieghu permezz ta` ittra indirizzata lil bord ta` l-*protectors* b`*notice period* ta` tlett xhur. Il-*protectors* ma jiftakrux li ghamlu dawn l-ittri ta` rizenja kif ukoll ma kien hemm l-ebda *notice period.* Hemm proceduri sabiex isiru jafu x`kienu dawn l-ittri ta` rizenja, u kif ma kienx hemm *notice period* moghti. Ir-regoli tal-istatut u l-byelaws ma gewx rispettati.

Ghalih kien inspjegabbli kif kumpanniji li kellhom biss jircievu pagamenti, spiccaw azzjonisti ta` grupp ta` kumpanniji importanti bhal ma kien Bona Trans. Illum hemm sitwazzjoni fejn it-tlett fondazzjonijiet ma ghandhomx partecipazzjoni. Qabel kien hemm tlett membri ta` familja ; illum kollox idur ma` persuna wahda li ghandha 98%.

Xehed li l-fondazzjonjiet kellhom 60%, 20% u 20% rispettivament ta` Bonatrans. Imbaghad sar trasferiment fejn il-fondazzjonijiet Alezia, Siama u Nausaa ttrasferew fi struttura gdida li kienet ghadha komposta mit-tlett beneficjarji. Saret kumpannija Malta bl-isem ta` Vivas. Kollox gie trasferit ghal grupp wiehed u imbaghad ghal go grupp iehor li kellu fondazzjonijiet godda u kumpanniji godda li ma kinux krejati minnu u li ma kinux josservaw ir-regoli

originali. Sar trasferiment ta` l-assi tant illi llum ishma fi proporzjon ta` 98% u 2%. Il-valur tat-trasferiment kien ta` madwar 8 biljun Czech Crowns li jammonta ghal aktar minn €300 miljun. Suppost illi dawn l-ammonti thallsu lill-beneficjarji izda minflok id-dritt ta` l-hlas kien trasferit lill-fondazzjonijiet il-godda li ma gewx krejati minnu.

Sostna li huwa ma jafx x`gara mill-flus.

Qal illi saru procedimenti legali kemm Malta kif ukoll fil-Lichtenstein sabiex jkunu jistghu jottjenu l-informazzjoni li kellhom bzonn sabiex ikunu jafux bl-ezatt x`kien gara. Komarek snr ma kienx jaf bit-trasferiment u bid-decizjoni ta` xoljiment tal-kumpannija Maltija. It-trasferiment kien jippregudika l-interessi tieghu.

Komarek snr kien ghadu ma hax azzjoni peress li kien ghad hemm bzonn li tingabar l-informazzjoni.

**Karel Komarek Snr** xehed illi ghal habta tal-1995 ibnu Karel jiggestixxi negozju. Huwa wkoll kellu negozju tieghu izda n-negozju ta` ibnu kiber sostanzjalment. Ibnu offra l-ghajnuna tieghu ghan-negozju tal-missier, u maz-zmien in-negozju kiber tant li ghamlu 35 kumpanniji flimkien. Sa mill-bidu, kien Karel ibnu li kien imexxi n-negozju peress li huwa kien jaf jitkellem aktar minnu bl-Ingliz. Huwa kien involut fit-tmexxija tal-kumpanniji li kienu joperaw fir-Repubblika Ceka. In segwitu kien wkoll involut fl-immaniggjar ta` kumpanniji barra minn dak il-pajjiz. Wara ftiehem ma` ibnu li huwa kellu jiehu hsieb n-negozju fic-Czech Republic. Ghal hames snin wara, giet involuta bintu Jitka Komarkova, li kienet inkarikat mill-kontabilita`.

Kompla jghid li wara sentejn ohra, hajjar lil huh Frantisek Komarek biex jghin fin-negozju. Ghal certu zmien, il-kumpanniji taghhom kienu jimpjegaw aktar minn 5,000 persuna. Huwa kien jahdem madwar 10 sa 12-il siegha kuljum.

Ghal habta tal-2005, ibnu kellmu sabiex tinholoq struttura socjetarja fl-esteru. Dr Igor Rusek gie mitlub jifforma l-istruttura. Rusek kien ifforma xi fondazzjonijiet u miftiehem illi l-assi jinzammu fil-familja ghal ta` l-inqas zewg generazzjonijiet ohra. White & Case kienu t-*tax advisors* ghal ibnu Karel u ghall-kumpanniji esteri.

Iltaqa` ma` Ales Cechel li kien wiehed mid-diretturi ezekuttivi ta` White & Case. Kienet kostitwita Bonatrans bil-partecipazzjoni tkun maqsuma : 60% ; 20% u 20%.

Ikkonferma l-firma tieghu fuq il-*letter of instructions* moghtija lil Ganado & Associates datata 5 ta` Marzu 2010.

Muri fol 79 tal-process, spjega li din kienet lista ta` azzjonisti. Dawn kien il-fondazzjonijiet li holoq Dr Rusek.

Qal illi ma jafx kienux ezegwiti l-istruzzjonijiet li nghataw lil Ganado & Associates. Jaf zgur illi dawn ma nghatawx struzzjonijiet godda.

Stqarr illi huwa gie Malta darbtejn. Kien mar l-ufficcju ta` Ganado & Associates. Kienet laqgha kordjali u xejn aktar. Ma kien mitlub jaghmel xejn.

Sar jaf b`Urtica fl-ahhar xhur tal-2011. Sar jaf x`kienet peress li din hija *founder* ta` kumpannija ohra fi Czech Republic u ghalhekk kien hemm xi dokumenti li kellhom jigu esebiti. Sar jaf li wiehed mid-diretturi ta` Urtica kien Ales Cechel.

F`April 2012, ir-relazzjoni tieghu ma` bintu Jitka bdiet sejra lura. Din izzewwget lil Cechel. Talab lil Cechel biex jaghtih dokumenti dwar Urtica. Spjega li huwa kien ircieva xi dokumenti milli talab, mnejn sab ftit ftit xi transazzjonijiet kienu qed isiru.

Sostna li huwa ma kienx jaf li l-fondazzjonijiet Alesia, Nosa u Siama kienu qed jitrasferixxu l-ishma taghhom ghal Malverine u Urtica. Qal illi n-negozju li materjalment kien trasferit lejn Malta fil-Bonatrans kien ta` 8 biljun Czech Crowns. Huwa ma kienx qed jinghata informazzjoni. Sabiex setghet issehh transazzjoni f`Urtica, kien hemm bzonn l-approvazzjoni tad-diretturi. Huwa kien gie nfurmat li ma kienx hemm bzonn ta` l-approvazzjoni tal-azzjonist. Qal illi fil-bidu fl-ambitu familjari,kienu jafdaw hafna lil xulxin ; gieli anke ffirmaw dokumenti li lanqas biss jkunu qraw tajjeb.

Muri r-rizoluzzjoni tal--31 ta` Dicembru 2010 li tirrizulta a fol 56 tal-kawza Rik. Gur. Nru. 870/2013JZM, qal illi ma hemmx il-firma tieghu fuq dak id-dokument.

Qal illi ma kienx jaf bid-decizjoni li Bonatrans tigi xjolta.

Fl-2008 kien suggerit illi jew l-assi jibqghu flimkien izda tinqasam it-tmexxija tal-kumpanniji, jew l-assi jinbieghu u kollox jinqasam kollox biex kulhadd imur ghal rasu. Gara li l-ebda ghazla ma sehhet. Marru ghal soluzzjoni tan-nofs billi nqasam il-kontroll fuq l-assi bil-ghan li l-assi jinzammu ghan-neputijiet.

Spjega li wara l-istruttura Maltija, kien hemm struttura Olandiza u wara din kien hemm xi kumpanniji ta` Czech Republic.

Sostna li Cechel kien tax *advisor* ta` ibnu izda wara xi ftit xhur induna li kienet inbniet relazzjoni bejn Cechel u bintu Jitga. Ftit ftit induna li l-affarijiet ma kinux qed jimxu hekk kif kienu jimxu qabel. Ma baqghux jigu diskussi l-affarijiet izda kien qed jigi infurmat li l-affarijiet wara li jkunu saru. Irrealizza li ma kienx ghad kellu poter li jiehu decizjonijiet u induna li ma kienx qed jigi awtorizzat jiddiskuti kif kienu qed jitmexxew l-affarijiet. Kien avzat illi l-fehma tieghu ma kinitx rikjesta u li huwa kellu jaccetta dik is-sitwazzjoni. Kien infurmat illi jekk jivvota kontra, bintu u r-ragel taghha kienu ser jivvutaw kontra tieghu.

Sostna li ma` Karel ma kellux problemi. Kellu problemi ma` Jitga biss.

Fis-sajf tal-2012, tnehha minn membru tal-bord tad-diretturi. Id-decizjoni ghal tali tnehhija ttiehdet minn bintu.

Huwa jrid ikun jaf x`sehh bil-kumpannija Maltija.

Qal illi meta Cechel tnehha minn direttur ta` Urtica, id-diretturi l-ohra nfurmawh li huma ma kellhomx id-dokumenti kollha.

Minn proceduri ohra li saru fil-Lichtenstein, irrizulta li l-bord tal-fondazzjoni li kien kompost minn bintu u r-ragel taghha taw b`self l-ammont ta` €11-il miljun, 100% *unsecured,* lil socjeta` kkontrollata minnhom.

Kien preokkupat dwar kif saret id-distribuzzjoni ta` l-assi.

Qatt ma rcieva flus ghall-20% ta` l-ishma li kellu originarjament.

Spjega li huwa ghadu *majority shareholder* ta` Urtica izda mhuwiex direttur.

Bosta mid-diretturi kienu mill-Cayman Islands.

L-uniku direttur mic-Czech Republic kien Cechel.

Tnehha minn direttur fl-2012.

L-ewwel darba li sar jaf illi Bonatrans kienet xjolta kien fl-ahhar ta` l-2012 fil-kors tal-kawza fil-Lichtenstein.

Kien is-sajf tal-2012 illi sar jaf bid-dritt tieghu li jista` jirrimpjazza d-diretturi ta` Urtica.

Spjega li huwa ma jafx l-istruttura ta` Mulvarine.

Ma jafx ezattament x`sehh bhala trasferiment peress li ma kienx jiehu hsieb ta` l-attivita` estera.

Xehed li sar jaf li kien ippjanat illi l-assi jmorru band`ohra.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, xehed illi n-negozju kien jappartjeni lil ibnu fl-intier tieghu.

Huwa kien biss ighin fit-tmexxija.

Ikkonferma illi Siama kienet il-fondazzjoni li fiha huwa kellu interess.

Spjega li huwa ma kienx fil-bord tal-fondazzjoni u lanqas kien beneficjarju izda kellu l-instrumenti legali li jawtorizzawh jikkontrolla l-fondazzjoni.

Ried illi l-beneficjarji diretti ta` l-fondazzjoni jkunu n-neputijiet tieghu.

Kompla jghid li fir-rigward ta` Siama, kien hemm zewg *protectors* li kienu l-konjugi Scampa li kien jafdahom hafna.

Spjega li l-konjugi Scampa kienu *long term collaborators*.

Stqarr illi ma kienx jaf illi kien sar trasferiment ta` l-ishma minn Siama lil Malverine u Urtica.

Sostna li sar jaf bit-trasferiment fl-2012 bil-proceduri gudizzjarji fil-Lichtenstein.

Xehed li ma kienx talab informazzjoni direttament mill-*protectors* ta` Siam.

Baqa` jinsisti li ma kienx interessat fl-istrutturi esteri. Kull ma kellu interess kien illi jikseb informazzjoni.

Spjega li meta sar jaf bit-trasferiment tal-2012, il-*protectors* kienu inbidlu u ma kinux l-istess nies li kellu fiducja fihom.

Qal illi dak iz-zmien, lanqas biss kien jaf min huma l-*protectors* l-attwali.

Meta ltaqa` mal-*protectors* Scampa, dawn infurmawh li huma ma kinux jafu jekk kienux ghadhom jokkupaw il-kariga, peress li kien ilhom ma jircievu informazzjoni dwar il-fondazzjoni.

Talab l-informazzjoni lil Cechel izda dan irrifjuta. L-istess ghamel lil Jitga, bla success.

Qal illi ma kienx ghadu ltaqa` mal-kuraturi li gew appuntati mill-Qorti ta` Lichtenstein.

**<u>Il-konvenuta</u>** xehdet illi kienet mahtura *company secretary* ta` Bonatrans skont il-*letter of instructions* lil Ganado & Associates. Il-kariga taghha giet fis-sehh meta saret il-kumpannija, u damet sakemm il-kumpannija kienet xjolta u marret fi stralc.

Abbazi ta` dak illi taf hi, ma sarux laqghat generali annwali.

Hija qatt ma attendiet laqghat tal-bord tad-diretturi, jew laqghat generali tal-kumpannija.

Bonatrans kienet kostitwita Marzu 2010 u xjolta fil-31 ta` Dicembru 2010.

Lanqas biss kien ghadu ghadda z-zmien mehtieg mil-ligi biex issir laqgha generali.

Qalet illi l-azzjonisti tal-bidu tlett fondazzjonijiet kif jidher mill-memorandum u l-articles of association. Dan jirrizulta wkoll mill-*letter of instructions*.

Wara li giet inkorporata, kien hemm share transfers u hija ppreparat il-Form T.

Sostniet li l-istruzzjonijiet dwar it-trasferiment ta` ishma gew minghand Dr Stephen Attard u Dr Nadia Cassar. Hija mxiet skont l-istruzzjonijiet li kellha.

Xehdet li meta ntalbet taghti informazzjoni, hija hadet parir legali u mxiet fuq dak il-parir legali.

Fuq il-parir illi kellha, irrifjutat li taghti kull informazzjoni.

Hija qatt ma kellha kuntatt dirett ma` l-*ultimate beneficial owners*.

Ir-rwol taghha bhala *company secretary* intemm max-xoljiment ta` Bonatrans.

Meta kien ezegwit il-mandat ta` deskrizzjoni, hija tat lista tad-dokumenti kollha li kellha fil-pussess taghha bhala *company secretary* abbazi ta` parir legali li kellha minghand Ganado & Advocates.

Qalet illi meta gew iffirmati l-formuli tal-MFSA dwar Urtica u Malverine, ma kellhiex il-kompitu li tivverifika li d-dokumenti kienu ffirmati minn persuna awtorizzata minn Urtica jew Malverine.

Qalet illi ma kienx l-obbligu ta` *company secretary* li tivverfika li l-firma tkun saret minn firmatarji awtorizzati.

Spjegat li rizoluzzjoni tigi ffirmata mill-partijiet kollha ; mhux rekwizit li ssir laqgha.

Bhala *company secterary* ta` BonatTrans, ma kinitx a konoxxenza ta` transazzjonijiet li saru dwar *receivables* li rceviet il-kumpannija. Qatt ma kienet notifikata b`xejn.

Qatt ma taf li kien hemm xi allegazzjoni dwar falsifikazzjoni ta` firem.

Qalet li *accounts* ma gewx ipprezentati ghax ma kienx ghadhom rikjesti skont il-ligi.

Ma gewx ipprezentati audited financial statements.

Bhala *company secretary* ma kellhiex obbligu taz-zamma tal-kotba tal-kumpannija.

Sostniet li l-appuntament ta` l-awditur u l-*liquidation accounts* saru fit-2 ta` Marzu 2011 wara li l-kumpanija ghaddiet ghax-xoljiment. Kien hemm *debt capitalization.*

Qalet li ghandha kopja tas-*shareholders` resolution*.

Ipprezentat kopja tas-*shareholders` resolution* datata 18 ta` Ottubru 2010.

Sostniet illi dak illi twettaq KIEN dak illi kien hemm miftiehem.

Qalet illi pprezentat estratt ta` r-rizoluzzjoni kif ukoll tnizzlet fil-lista tad-dokumenti li ghandha fil-pussess taghha.

Spjegat li giet ipprezentata form H li huwa l-*allotment of shares.*

Fissret illi r-rizoluzzjoni waslet ghandha tramite Av. Stephen Attard.

Sahqet illi dak li sar kien *allotment of shares,* mhux *share transfer.*

Hija ma dahlet fl-ebda kwistjoni dwar kif twettqet il-komunikazzjoni dwari *pre-emption rights* fir-rigward ta` l-azzjonisti kollha. Qatt ma kkomuinikat mal-azzjonisti.

Bhala *company secretary* ma kellhiex x`taqsam mal-hatra tal-likwidatur ; lanqas ma kienet involuta fix-xoljiment u l-istalc tal-kumpannija.

Hija kienet infurmata minn Av. Stephen Attard li Bonatrans tnehhiet mir-Registru.

Hija nghatat l-ebda parir biex ma tghaddix informazzjoni.

U hekk ghamlet.

Meta kien ezegwit il-mandat ta` deskrizzjoni, hija pprezentat lista tad-dokumenti li kellha.

**Av. Stephen Attard** xehed illi huwa partner fid-ditta Ganado & Associates. Kien responsabbli mill-holqien ta` Bonatrans. Id-ditta taghhom intalbet taghti wkoll pariri legali meta Bonatrans kienet ghadha topera. L-inkariku mill-promoturi tas-socjeta` nghata fl-2010. Bonatrans twaqqfet fl-24 ta` Marzu 2010. Kien hemm tliet azzjonisti li kienu tliet fondazzjonijiet. Ganado & Associates kien kontattati ghall-inkariku minn ditta internazzjonali ta` avukati li kienet White & Case. Sar process ta` due diligence qabel kienet iffirmata l-letter of instructions lid-ditta taghhom.

Huwa kien iltaqa` ma` tnejn mill-ultimate beneficial owners wara li kienet twaqqfet il-kumpannija. Huwa dejjem mexa fuq l-istruzzjonjiet li nghata u ma sab xejn li jgieghlu jiddubita mill-istruzzjonijet li kien qed jinghata. Ikkonferma li huwa baqa` ma ltaqax ma` wiehed mill-ultimate beneficial owners, li kien Frantisek Komarek. L-abbozz tal-*memorandum* u tal-articles kien normali hafna.

Xehed illi l-istruzzjonijiet li jkun hemm fil-*letter of instructions* jkunu intizi biex jassistu lid-ditta tabbozza l-*memorandum* u l-articles fost hwejjeg ohra. Ikun hemm id-dettalji ta` l-azzjonisti, l-ultimate beneficial owners, id-dettalji tad-diretturi u l-issued authorized capital. Wara li titwaqqaf il-kumpannija, id-ditta jkollha l-inkarigu minghand il-kumpannija nfisha izda mbaghad fi kwistjonijiet specfici bhal trasferiment ta` ishma, id-ditta tkun kontattata mill-azzjonist innifsu.

Spjega li l-bdil u l-hatra tad-diretturi huwa regolat bil-Kap 386, fis-sens li jrid ikun hemm rizoluzzjoni ta` l-azzjonisti li jappuntaw direttur, jew alternattivament ikun hemm disposizzjonijiet fil-*memorandum* u fl-articles li jaghtu dritt lil azzjonist partikolari li jappunta direttur. Kemm damet tezisti Bonatrans, kien hemm diretturi godda li kienu appuntati skont l-Art 135 ta` Kap 386.

Mistoqsi dwar il-letter of instruction fejn kien hemm imnizzel li kellu jkun hemm direttur residenti Malti li kellu jkun suggeriet minn EMCS u kkonfermat minn Ales Cechel, huwa stqarr illi dak sar fil-kuntest tad-dibattitu li kien ghaddej dwar jekk ghandux ikun hemm bhala membru tal-bord persuna li hija residenti Malta ghal ragunijiet ta` taxxa. Fil-fatt pero` qatt ma nghataw struzzjonijiet sabiex tigi inkluza persuna ohra bhala direttur. Kien hemm xi skambji ma` EMCS izda fl-ebda stadju ma kien hemm indikazzjoni minn EMCS sabiex ikun hemm direttur iehor. L-involviment ta` EMCS kien wara rakkomandazzjoni li Ganado & Associates ghamlu lil White & Case.

Ikkonferma li Cechel kien wiehed mill-partners ta` White & Case Praga. Kien ir-responsible partner izda imbaghad kien hemm diversi *associates* fit-tim tieghu. Dan kollu fiz-zmien precedenti ghall-formazzjoni ta` Bonatrans. Cechel kien il-persna li baqghet responsabbli sakemm giet inkorporata l-kumpanija izda imbaghad ma baqax ma` White & Case. Fil-fatt id-ditta taghhom bdiet tiehu l-istruzzjonijiet minn persuni ohra fi hdan White & Case. Kull ma sar fi Bontrans sar bil-kollaborazzjoni ta` White & Case.

Safejn jaf hu, Cechel ma ghandu l-ebda pozizzjoni ta` ufficjal f`Bonatrans.

Spjega li wara li Bonatrans kienet xjolta, huwa ltaqa` ma` Cechel f`Malta. Fiz-zmien ta` bejn it-twaqqif tal-kumpannija u x-xoljiment taghha, huwa ma kellux struzzjonijiet li gejjin minn Cechel. Fisser li d-ditta taghhom inghatat struzzjonijiet biex jippreparaw dokumenti, u kienet tircievi d-dokumentazzjoni kollha ffirmata, biex b`hekk kien ikollu serhan il-mohh li d-dokumenti jkunu saru b`mod regolari ghaliex ikun ghaddew tramite White & Case.

Huwa ma ghamel xejn qabel ma kellu r-rizoluzzjoni li kienet qed tpoggi lil Bonatrans fi stat ta` xoljiment u stralc volontarju.

Spjega li r-Registratur tal-Kumpanniji accetta Form B li hija n-notifika li Bonatrans kienet tqeghdet *in liquidation* ; maghha kienet annessa dikjarazzjoni ta` solvenza iffirmata minn zewg diretturi. Fid-dikjarazzjoni, id-diretturi jaghmlu referenza ghall-fatt li l-kumpannija kienet qeghda tigi xolta. Hija prassi normali illi jkun hemm koordinazzjoni bejn id-ditta legali u d-ditta legali estera ; fil-fatt White & Case kellha l-kuntatt dirett mal-klijent. L-istruzzjonijiet inghataw minn persuni kompetenti skont il-ligi li jaghtu struzzjonijiet.

Sostna li l-*letter of instructions* li nghatat mill-prmoturi ma gietx revokata peress li kien hemm klawzoli fiha li jindikaw li seta` jkun hemm konsultazzjoni dwar materji li jikkoncernaw il-kumpannija. Il-funzjoni primarja ta` dik il-*letter of instructions* kienet it-twaqqif tal-kumpannija.

Ikkonferma li fit-30 ta` Lulju 2010, it-tlett fondazzjoni gew azzjonisti godda : Malverine u Urtica. F`dak il-perijodu, White & Case Praga kienu talbuhom assistenza fl-abbozzar tad-dokumentazzjoni necessarja skont il-ligi ta` Malta sabiex ikun hemm trasferiment validu ta` ishma. Huwa u l-assistenti tieghu taw spjegazzjoni tal-procedura mehtiega ghat-trasferiment ta` ishma. Id-dokumenti kienu abbozzati u moghtija lil White & Case li min-naha taghhom organizzaw il-firem da parti ta` l-azzjonist li kien qed ibiegh u l-azzjonist li kien qed jixtri. Id-dokumenti kompletati gew trasmessi lilu u huwa ma kellux dubji dwar l-awtenticita` taghhom peress li gew minn ditta internazzjoni ta` reputazzjoni tajba. Ghalhekk huwa assista lill-*company secretary* sabiex tipprepara l-Form T.

Mistoqsi dwar dokument immarkat CBG 1 a fol 422 u 423 , huwa spjega li dawn huwa rizoluzzjoni ta` l-azzjonisti kollha tas-socjeta` fejn kien hemm *capitalisation of a loan,* li jfisser li l-kumpannija kellha taghti ammont ta` €9,400 lill-azzjonisti u dak l-ammont gie kapitalizzat billi nhargu ishma godda lil dawk l-azzjonisti biex id-debitu gie konvertit f`ishma godda. Kien hemm bhala firmatarji z-zewg azzjonisti tas-socjeta` li kienu Malverine u Urtica. Fil-kaz ta` Malverine, din kellha zewg firmatarji : CTC Corporation Ltd u Ales Cechel ; waqt illi Urtica kellha lil CTC Corporation Ltd u Ales Cechel. Skont l-Art 73 tal-Kap 386, meta jkun hemm *issue of shares for a non cash consideration*, ikun hemm bzonn ta` *auditors report* li jrid jigi pprezentat lir-Registru tal-Kumpanniji. L-*auditor`s report* gie pprezentat minn Geraldine Schembri, u wara li kien hemm id-dokumenti legali necessarji, huwa ta struzzjonijiet biex il-*company secretary* tiffirma Form H.

Kompla jixhed illi meta ra l-istruzzjonijiet li nghataw u l-korrispondenza skambjata huwa ra li ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li kellu jigi ndikat direttur residenti Malta ghal Bonatrans. Fil-fatt Bonatrans twaqqfet b`direttur residenti fir-Repubblika Ceka. L-ghazla ta` l-ewwel direttur kienet indikata fil-*letter of instructions* li kienet iffirmata mit-tlett promoturi. Qal li huwa kien semma lil EMCS bhala *service provider* potenzjali. Anke Karel Komarek kien infurmat illi kienu ser jiltaqghu ma` EMCS ; ghalhekk huwa fehem li kien hemm relazzjoni kontrattwali ta` ingagg ta` EMCS bhala *service provider*. Ma setax ighid aktar.

Xehed illi fl-okkazjonijiet meta ltaqa` ma` Karel Komarek u Jitka Komarkova, kien hemm prezenti Ales Cechel. Spjega li struzzjonijiet gieli nghataw minn persuni fi hdan il-Bona Trans Group tar-Repubblika Ceka. Wara li Ales Cechel telaq minn ma` White & Case, din hadet pozizzjoni sekondarja ghal dawk li huma struzzjonijiet.

Sostna li l-istruzzjonijiet minghand Bona Trans Group kienu jigu minghand Robert Vancava. Dan kien *associate* li kien jahdem ma` White & Case. Meta Ales Cechel telaq minn White & Case, Vancava telaq ukoll. Wara li dawn telqu minn White & Case, kien hemm associates ohra li kienu jikkorrispondu mieghu fosthom Lubomir Frank u Vaclav Zaludec.

Huwa kkonferma li fil-kapacita` tieghu ta` avukat, huwa kien qed jiggwida lil *company secretary.* Huwa kien sodisfatt illi kien hemm rizoluzzjonijiet mehtiega skont il-ligi sabiex wiehed ikun jista` jiehu l-passi li ttiehdu dwar Bonatrans.

## III. L-eccezzjoni ulterjuri

Wara li kienet prezentata l-eccezzjoni ulterjuri, iddeponiet l-attrici fejn iddikjarat bil-gurament taghha illi hija ghandha permess ta` residenza Malta li jaghlaq fl-2018 u li fil-fatt qeghda tirrisjedi Malta. Din l-istqarrija ma gietx kontradetta mill-konvenuta. Ghalhekk ghandha jedd tagixxi bhala mandatarja ta` Urtica Limited, li hija socjeta` registrata fil-Gzejjer Cayman.

**Il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjoni ulterjuri.**

## IV. L-ewwel eccezzjoni

Biex azzjoni tkun nulla skont l-Art 789 tal-Kap 12, in-nullita` trid tkun iddikjarata mil-ligi espressament jew ikun hemm vjolazzjoni tac-cirkostanzi mehtiega mil-ligi jew in-nuqqas ta` xi partikolarita` essenzjali mehtiega mil-ligi espressament.

Fil-kaz tal-lum, in-nullita` tal-azzjoni attrici qeghda tkun eccepita abbazi tal-Art 789(1)(c) li jghid :-

*L-eccezzjoni ta` nullità tal-atti gudizzjarji tista` tinghata …*

*jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta` nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullità, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort`ohra hlief billi l-att jigi annullat …*

*Izda dik l-eccezzjoni ta` nullità kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c), u (d) ma tkunx tista` tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull disposizzjoni ohra tal-ligi.*

*(2) L-eccezzjoni ta` nullità ta` att, taht is-subartikolu (1)(c), ma tistax tinghata, meta l-parti li taghtiha tkun baqghat taghmel jew, ghad li tkun taf biha, tkun halliet li jibqghu jsiru atti ohra wara, minghajr ma teccepixxi dik in-nullità.*

Fil-kaz tal-lum, ma jirrizultax ippruvat fejn il-konvenuta garrbet pregudizzju bl-azzjoni attrici kif saret. Il-konvenuta wiegbet fil-mertu ghat-talbiet attrici u kompliet tippartecipa fil-kawza. Inoltre fis-sottomissjonijiet taghha, il-konvenuta ma ghamlet l-ebda referenza ghal din l-eccezzjoni.

Fis-sentenza taghha tal-21 ta` Marzu 1988 fil-kawza "**Aquilina vs Aquilina**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-

*"... illi l-allegata nullita` tac-citazzjoni qed tigi nvokata fit-termini ta` lartikolu 789(1) tal-Kap 12 li inter alia jipprovdi li l-eccezzjoni ta` nullita` ta` latti gudizzjarji tista` tinghata 1) jekk in-nullita` hija ddikjarata mil-ligi espressament 2) jekk l-att ikun mahrug minn Qorti nkompetenti ; 3) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi wkoll jekk mhux taht piena ta` nullita` u dan biss f`kaz ta` pregudizzju ; 4) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarita` essenzjali mehtiega mil-ligi espressament.*

*... kif qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-28 ta` April 1978 in re Teresa Vella vs Salvatore Conti (App. Kumm.) biex tigi ddikjarata nulla citazzjoni u jitwaqqaf il-kors taghha, jinhtieg li jkunu*

*jikkonkorru ragunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta` evidenti pregudizzju ghad-difiza tal-konvenut ;*

*Din il-Qorti inoltre tul is-snin f`diversi sentenzi taghha applikat dan il-principju b`mod li fejn jew ikun jonqos il-pregudizzju ghad-difiza tal-konvenut jew in-nuqqas fic-citazzjoni kienet taghmel tajjeb xi haga ohra ghalih, ma annullatx ic-citazzjoni (ara Savona vs Asphar deciza minn din il-qorti fit-23 ta` April 1945 u dik riportata fil-Vol XXXIV tal-Kollezzjoni a fol 313 ta` l-Ewwel Parti). Minbarra minn hekk gie diversi drab deciz u llum hu ormai pacifiku li nonostante l-fatt li citazzjoni jkollha xi haga mhux cara bizzejjed go fiha li pero` hi ccarata fid-dikjarazzjoni ta` l-attur dan hu bizzejjed biex isalva c-citazzjoni (ara Bonello vs Azzopardi, Vol XXXIX.II.556 ; Gerada vs Cassar, XXXIV.II.501 ; Muscat vs Borg et, XXXIX.II.575 u Demarco vs Fiteni XLI.II.1035).”*

Fid-decizjoni taghha tal-4 ta` Novembru 1991 fil-kawza “**Vella vs Cefai**” il-Qorti tal-Appell qalet illi :-

*" ... n-nullita` ta` l-atti gudizzjali hija sanzjoni estrema li l-ligi trid li tigi imposta biss meta nnuqqas - formali jew sostanzjali - fl-att ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta` gustizzja procedurali."*

Fil-kaz tal-lum, tirrizulta rabta bejn il-kawzali u t-talbiet billi l-attrici noe qeghda titlob li tinghata access ghal informazzjoni. L-attrici ppremettiet illi nediet ezercizzju ntiz *inter alia* biex tistabilixxi jekk x-xoljiment ta` Bonatrans kienx fl-ahjar interess ta` Bonatrans, tal-assjonisti u tal-beneficjarji.

**Il-Qorti qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni.**

## V. L-ewwel tliet talbiet

It-talbiet attrici li qeghdin jigu decizi llum huma l-ewwel tlieta fejn il-Qorti kienet mitluba :-

*Tiddikjara li s-socjeta` attrici ghandha d-drittijiet kollha, jew in parte, li jkollha access ghall-informazzjoni u dokumenti kollha, jew in parte, dwar Bonatrans Group Holdings Limited (C-49189) u dana in vista tal-pozizzjoni li hija kienet tokkupa fil-kumpanija Bonatrans Group Holdings Limited, qabel din giet xolta.*

*Tiddikjara li r-rifjut da parti tal-konvenuta li tforni l-informazzjoni u d-dokumenti mitluba mis-socjeta` attrici, jikser l-obbligazzjonijiet assunti meta giet accettata l-hatra ta` segretarja, u dana bi ksur ta` inter alia l-artikoli li jirregolaw lis-segretarja fil-kapitolu 386 tal-ligijiet ta` Malta.*

*Tikkundanna lill-konvenuta sabiex taghti access lis-socjeta` attrici ghal informazzjoni kollha, jew in parte, u tforni kopji tad-dokumenti kollha, jew in parte, ilkoll relatati ma` Bonatrans Group Holdings Limited (C-49189) li din l-Onorabbli Qorti hekk iddikjarat.*

## VI. L-eccezzjonijiet relattivi

L-eccezzjonijiet illi jilqghu ghall-ewwel tliet talbiet huma dawk numerati tnejn (2) tlieta (3) u erbgha (4).

## VII. Konsiderazzjonijiet

Il-Qorti sejra tittratta l-eccezzjonijiet li jilqghu ghat-talbiet li qeghdin jigu decizi llum waqt illi tkun qeghda tqis it-talbiet.

Irrizulta li Ganado & Associates kienu nkarikati biex iwaqqfu Bonatrans bl-azzjonisti jkunu tliet fondazzjonijiet : Alezia Foundation ; Nausaa Foundation u Siama Foundation.

Frantisek Komarek, Karel Komarek Snr u Jitga Komarkova jissemmew bhala Ultimate Beneficial Shareholder Interests.

Ma hemmx prova li Urtica kienet involuta fl-inkariku li naghata lil Ganado & Associates.

L-azzjonisti registrati ta` Bonatrans kienu Alezia Foundation (720 sehem - 60%), Nausaa Foundation (240 sehem – 20%) u Siama Foundation (240 sehem – 20%).

In segwitu, kien hemm trasferiment ta` ishma li wassal sabiex :-

1. Alezia Foundation ittrasferiet l-ishma taghha kollha lil Malverine Limited.

2. Nausaa Foundation ittrasferiet l-ishma taghha kollha lil Malverine Limited.

3. Siama Foundation ittrasferiet l-ishma kollha taghha lil Urtica Limited.

Kemm Malverine kif ukoll Urtica huma registrati fil-Cayman Islands.

Urtica kienet azzjonista ta` Bonatrans fiz-zmien ta` bejn l-1 ta` Lulju 2010 u l-11 ta` Ottubru 2011. Ghalhekk kienet l-azzjonista meta Bonatrans marret *in liquidation.*

Il-konvenuta kienet il-*company secretary* ta` Bonatrans.

L-attrici noe ggib `il quddiem il-pretensjoni li d-dokumenti u l-informazzjoni dwar Bonatrans ghandhom imorru ghand l-ahhar azzjonisti taghha, u ma kellhomx jibqghu ghand il-konvenuta, li maghha m`ghandhom l-ebda relazzjoni ladarba Bonatrans kienet xjolta u stralcjata.

Kien ipprecizat ukoll min-naha tal-attrici illi b`*dokumenti u informazzjoni* hija kienet qeghda tirreferi ukoll ghal informazzjoni elettronika inkluzi emails skambjati.

Kien ukoll ribadit da parti tal-attrici illi meta kumpannija tkun xjolta, id-dritt ghall-informazzjoni u dokumentazzjoni jghaddi ghand l-azzjonisti, peress li kull ma kien tas-socjeta` jmur ghand l-azzjonisti, inkluz l-assi u hwejjeg ohra.

Jidher illi dak illi wassal ghal din il-kawza kien il-fatt illi wara li l-konvenuta kienet mitluba taghti informazzjoni dwar Bonatrans, li kienet tinkludi kopja tal-kotba tal-minuti tal-laqghat, kopja tal-laqghat tad-diretturi u kwalunkwe dokumenti ohra, il-konvenuta rrifjutat ghax sostniet illi l-funzjoni taghha bhala *company secretary* kienet spiccat.

**1. <u>L-access ghal informazzjoni</u>**

Id-dritt ghall-access u informazzjoni kien trattat minn Andrew Muscat fil-pag 523 ta` **<u>Principles of Maltese Company Law</u>** (MUP – 2007).

Prof Muscat ighid illi l-azzjonisti ghandhom dritt li jezaminaw il-minuti tal-laqghat generali annwali, li jircievu kopja ta` *annual accounts* tal-kumpannija, u r-rapporti tad-diretturi u ta` l-awdituri.

Ighid :-

"*Whereas the directors of a company have full access to all documents and information concerning the company they represent, the shareholders` rights in this regard are considerably restricted. Indeed, as a general rule, a shareholder (including a majority shareholder) does not, qua shareholder, have a right (except in well defined circumstances) to demand that he be furnished with information or copies of documents concerning the company`s business or affairs. Indeed shareholders` rights to information concerning the affairs of the Company are severely curtailed under the Companies Act and include only such rights, for example, to examine the minutes of general meetings (Article 149(3) Companies Act) and to receive a copy of the annual accounts of the Company together with the relative directors` report and the auditors` report (Articles 180-182 Companies Act)*"

Minn dan il-bran, jirrizulta li azzjonista ghandu drittijiet **limitati** dwar x`ghamla ta` informazzjoni jista` jikseb dwar il-kumpannija.

Kaz fejn kienet trattata kwistjoni simili kienet il-kawza deciza minn din il-Qorti (**PA/AE**) fis-27 ta` Ottubru 2014 fl-ismijiet "**Dr Suzanne Wolfe Martin noe vs Ganado & Associates Advocates et**".

Is-sentenza kienet appellata. L-appell ghadu mhux deciz.

Il-kaz kien jittratta dwar inkariku li nghata lid-ditta ta` avukati Ganado & Associates minn Frantisek Komarek, Karel Komarek Snr u Jitka Komarkova li riedu jwaqqfu kumpannija Malta bl-isem ta` Vivax Holding Limited. L-azzjonisti kellhom ikun tliet fondazzjonijiet : Santon Foundation, Serravall Foundation u Landovery Foundation. Komarek u Komarkova kellhom ikunu l-ultimate beneficial shareholders.

L-ilment tal-attrici f`dak il-kaz kien illi saret talba lill-konvenuti sabiex jinghataw informazzjoni dwar il-kumpannija, liema talba kienet rifjutata.

Il-Qorti qalet hekk :-

*"L-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386) jipprovdi x`taghrif jista` jinghata lill-azzjonisti. Hekk per ezempju l-Artikolu 149 jipprovdi li l-azzjonisti jistghu jispezzjonaw ir-registru tal-minuti tal-laqghat generali. L-Artikolu 125 tal-Kap. 386 jipprovdi li l-membri jistghu jaraw ir-registru tal-membri. Provvedimenti li fihom infushom juru li l-azzjonisti m`ghandhomx xi jedd assolut li jitolbu kull taghrif dwar kumpannija."*

Il-Qorti mbaghad irreferiet ghall-bran citat aktar kmieni minn **Principles of Maltese Company Law** (op. cit.).

Il-konkluzjoni tal-Qorti kienet illi *li l-atturi m`ghandhomx dritt li jitolbu taghrif minghand il-konvenuti dwar l-operat ta` Vivax.*

Kaz iehor li mexa fuq l-istess linja ta` l-kawza appena citata kienet il-kawza deciza minn dik l-istess Qorti (**PA/AE**) fit-30 ta` Gunju 2015 fl-ismijiet "**Dr Suzanne Wolfe Martin noe vs Ganado & Associates Advocates et**"

Hemm l-attrici noe talbet dikjarazzjoni illi l-mandanti taghha ghandhom dritt li jiksbu access ghall-informazzjoni u dokumenti relatati mal-kumpannija Bonatrans Group Holdings Limited (C49189), li kienet registrata fl-24 ta` Marzu 2010.

Dik l-azzjoni hija simili hafna ghal din tal-lum, tittratta dwar l-istess kumpannija u cioe` Bonatrans ghalkemm il-partijiet huma differenti minn dawk tal-lum.

Fis-sentenza taghha, il-Qorti irribadiet illi ghal dak li jirrigwarda taghrif relatat mal-operat ta` Bonatrans ma kienx bizzejjed li ssir talba mill-mandanti tal-attrici jew minn azzjonist.

Is-sentenza kienet appellata. L-appell ghadu mhux deciz.

**Fil-fehma ta` din il-Qorti, id-dritt ghall-informazzjoni ta` azzjonista huwa limitat skont ma jipprovdu l-*memorandum* u l-*articles of association,* jew – jekk ikun sar – skont *shareholders` agreement.* Fin-nuqqas, allura d-dritt ghall-informazzjoni ta` l-azzjonista huwa regolat b`dak li jipprovdi l-Kap 386.**

Il-Qorti tirreferi ghal kitba li saret minn Dinesh Sadhwani bl-isem "**<u>Shareholders and Directors : Rights to Inspect the Company`s Records</u>**" ippubblikata fin-Newsletter Vol & No $ December 2008 – Shearn Delamore & Co fejn inghad hekk :-

> *"A question that often arises is the extent to which directors and shareholders of a company are entitled to information and acces to the company`s records. It is often presumed by shareholders that as `owners` of the company, they are entitled to have access to all documents belonging to the company. However…the actual position of is that shareholders and directors have different rights of inspection….the shareholder`s rights are limited. This is based on the legal position that a company is a separate entity from its shareholders and where the power to manage the company is generally vested in the board of directors.*
>
> …
>
> *The right of a shareholder to inspect the relevant registers kept by the company for example, the register of members, directors, secretaries, managers and so on is expressely provided for under the Companies Act 1965.*
>
> *In addition, a shareholder is also entitled to inspect minuted of the company`s general meetings and to receive a copy of the last audited profit and loss account and balance sheet not less than 14 days before the general meeting at which the accounts are to be presented.*
>
> *Other than as stated above, shareholders do not have any overriding right to inspect the books and records of a company, such as the minutes of directors` meetings or the accounting records of the company. The shareholder may, however, be entitled to inspect the company`s records if it can be shown that inspection is necessary with reference to some specific dispute or question in which the shareholder is interested and even then, such right is only granted to such extent as may be necessary for the particular occasion. (Edman v Ross (1922) SR (NSW) 351)"*

Mill-gurisprudenza Ingliza, issir referenza ghad-decizjoni "**<u>Woodhouse and Co Ltd v Woodhouse</u>**" (1914) 30 TLR 559. Hemm kienet traccjata l-linja illi *"a company cannot claim privilege against its own shareholder in respect of legal advice, unless the advice was taken in contemplation of hostile litigation with that shareholder."*

Madanakollu dan il-principju kien definit bhala *"a narrow exception"* ghal principju generali li *"privileged documets are protected from disclosure in the course of litigation."*

Infatti kien spjegat li :

*"The Woodhouse rule does not, however establish an unconstrained, free-standing inspection right for shareholders."*

Intqal li dak stabbilit fil-kaz ta` **Woodhouse** :-

> *"does nothing to undermine two fundamental precepts of corporate law: that the company is an entity distinct from its shareholders, having rights of its own in respect of confidential and privileged information, and that the company is to be managed by and under the authority of its board of directors and not its shareholders. Statute, regulation and the company`s articles of association set out exhaustively the limited circumstances in which the shareholders are normally entitled to receive or access information.The articles of association of most companies explicitly deny shareholders the right to inspect company documents, except where ordered by a court, permitted by the board or authorised by a shareholder resolution."*

(ara l-kitba bl-isem "**Shareholder rights to access company information : Lost in Nottingham Forest**" : Sarah Lee & Murray Cox, Slaughter and May 2014).

Sentenza ohra kienet dik fl-ismijiet "**CAS (Nominees) Ltd v Nottingham Forest FC Plc"** (Application for Disclosure) (2001) 1 All E R 954. Fil-kawza azzjonista talab li jinghata kopji tal-parir legali li kien inghata lill-Bord tad-Diretturi, liema parir legali kien dwar transazzjoni partikolari li l-istess azzjonista kien qed jilmenta dwarha u kien qed jaghmel procedura ta` *unfair pregjudice.* Il-Qorti ordnat li d-dokumenti jigu mghoddija lill-azzjonista. Minkejja l-ordni, l-azzjonista falla fil-procedura. Fis-sentenza inghad illi l-bordijiet ta` diretturi *"are not immune from challenge where they exceed their powers or breach their fiduciary duties."*

Fil-kaz ta` "**Burry & Knight Ltd**" (2014) EWCA Civ 604 inghad illi :-

*"a shareholders` statutory right to inspect the register of members is similarly subject to a proper purpose requirement."*

Fl-appell mill-High Court of Justice - Chancery Division - Companies Court inghad illi :-

*"I would dismiss the appeal against the Registrar`s order under section 117(3) of the CA 2006 ((A) in paragraph 1 above). Dr Knight`s purpose in circulating shareholders with details of past irregularities was not a proper purpose because this communication could not confer anything of value on fellow shareholders, alternatively because the real purpose was to harass fellow shareholders, as found by the Registrar. I would make no order on the respondents` notice."*

**Lord Justice Briggs** kompla jghid li :

*"I also agree with her analysis of the reason why, regardless whether Dr Knight was pursuing a vendetta or seeking to vindicate his integrity over that of other members of the family, his main purpose in seeking to circulate shareholders was not a proper one. The allegations which he was seeking to resurrect were very stale and their further investigation could have been of no possible benefit to the companies or to their shareholders, or indeed to him in his capacity as shareholder."*

Anke diretturi ghandhom jezercitaw id-dritt taghhom ghal spezzjoni ta` dokumenti ghal ghanijiet ragjonevoli u gusti.

Fil-kaz ta` "**Oxford Legal Group Ltd vs Sibbasbridge Services Plc**" (2008) EWCA Civ 387, the Rt Hon Sir John Chadwick qal hekk :-

*"It is plain that the right exists, whether at common law or by statute, for the purpose of enabling the director to carry out his duties as such. As Mr Justice Slade put it, in stating his second principle in Conway v Petronius ([1978] 1 WLR 72, 89H-90A) :*

*"(2) The right of a director to see his company`s books of account, which is exercisable both at and outside meetings, is conferred by the common law in order to enable the director to carry out his duties as a director: see the Burns case, 7 T.L.R. 118."*

*And, again, in elaborating his fifth principle (ibid, 90G-H):*
*"The right of inspection is in my judgment one given to him to exercise for the benefit of the company. He can claim the right as a personal right only in the sense that he may invoke it so as to enable him to discharge his personal obligations to the company and his statutory obligations."*

*Mr Justice Mahon took a similar view in Berlei Hestia (NZ) Ltd v Fernyhough [1980] 2 NZLR 150, 163 lines 34-37, when he said:*

*". . . where it is proved that a director is acting or is about to act in breach of his fiduciary duty to the company and intends to aid that process by inspecting the books, then his right to inspect disappears."*

*To my mind the proposition that the right to inspect the company`s books of account is conferred "in order to enable the director to carry out his duties as a director" is not in doubt. Nor is it in doubt, as it seems to me, that a right which is conferred for one purpose is not intended for use for some other purpose: for a director to invoke the right to inspect for some purpose other than that of carrying out his duties as a director is to seek to use the right for an improper purpose.....*

*In Wuu Khek Chiang George v ECRC Land Pte Ltd [1999] 3 SLR 65 the Court of Appeal in Singapore referred (ibid, 78G, at [32]) to the director being refused inspection when the court was satisfied "that the intention of the director in inspecting the books and records is to make use of the information for ulterior purposes such as with a view to causing detriment to the company". At paragraph [33] (ibid, 78H-I) the court said this :*

*"[33] The right of a director to inspect the books and records of the company flows from his office as a director and enables him to perform his duties as a director. . . Such a right is an important one, as the books and records of a company are a primary, and sometimes the only, source of information as to the state of affairs of a company. It follows that unless a director has access to these sources of information he would be severely inhibited in the proper performance of his duties. So long, therefore, as such right is exercised for that purpose and not with a view to causing detriment to the company, the right to inspect is `absolute`. In this sense and to that extent, the right may be termed `absolute`. The corollary of this is that the right will be lost where it is exercised not to advance the interests of the company but for some ulterior purpose or to injure the company: Edman v Ross (supra) at p 361, Molomby v Whitehead (supra) at p 292 . . ."*

*And at paragraph [34] (ibid, 79D) the court went on to say:*

*"It is for those who oppose the director`s right to inspect to show `clear proof`and to satisfy the court `affirmatively` that the grant of the right of inspection would be for a purpose which would be detrimental to the interests of the company. There must be a `real ground` that the right would be abused and that substantial harm would be caused to the company thereby".*

**Il-fehma ta` Rt. Hon Chadwick kienet kondiviza fl-istess decizjoni minn Lord Justice Hughes**, li sostna hekk :-

> *"Inspection may well not be ordered if a clear prima facie case is raised that the information sought will not be used qua director and especially if to the detriment of the company; one of many possible examples is where inspection is in effect sought for the benefit of a competitor. That said, many cases in which the right of inspection is invoked will no doubt arise in the course of a boardroom dispute in which one side of the argument has de facto custody of the books and the other lacks the opportunity to see them. Each side will often, and it may be typically, accuse the other of improper conduct in the sense of alleged breach of fiduciary duty to the company. It follows from the review of the authorities in my Lord`s judgment that a bare assertion of such improper conduct made by the custodian of the books against the director seeking inspection will not ordinarily cause the court to say that there should be a trial of that issue before inspection is permitted. That would in most cases render the right of inspection nugatory and would divert the court into the merits of the underlying dispute."*

Ghalhekk, *"even directors must exercise their inspection rights only for a proper purpose."*

**Dan qed jinghad biex jigi sottolineat kemm id-dritt ghal informazzjoni huwa dritt <u>limitat</u> partikolarment vis a vis l-azzjonisti.**

Din il-Qorti tissenjala li fir-Renju Unit saru emendi ghad-disposizzjonijiet li jittrattaw id-drittijiet tal-azzjonisti sabiex jispezzjonaw informazzjoni relatata mal-kumpannija.

Bil-Companies Act 2006, l-azzjonisti "*are entitled to inspect (without charge) various company records including :*

- *records of shareholder resolutions and minutes of shareholder meetings ;*
- *the company`s statutory registers (e.g. registers of members, directors, secretaries, and charges) –although any request to inspect the register of members must be made for a "proper purpose" ;*
- *directors` service contracts and any directors` indemnities ; and*
- *any contracts relating to the company`s purchase of its own shares.*

L-azzjonisti ghandhom dritt ghal kopja ta` d-dokumenti bi hlas.

Id-dritt baqa` ma giex estiz ghal *accounting records* jew *board minutes.*

## 2. Il-mertu

Il-konvenuta tishaq illi azzjonista ghandu drittijiet limitati ghal informazzjoni.

Saret referenza ghall-fatt li awturi Inglizi jittrattaw jekk id-diretturi ghandhomx obbligi lejn l-azzjonisti fil-qadi ta` dmirijiethom u ghall-konkluzjonijiet raggunti fis-sens li d-diretturi ghandhom obbligi versu l-kumpannija mhux lejn l-azzjonisti personalment.

Ghamlet dan l-argument biex issahhah it-tesi taghha illi azzjonista m`ghandux dritt ghal informazzjoni hlief fis-sitwazzjonijiet stabbiliti mil-ligi.

Min-naha l-ohra, biex tikkorrabora t-tesi taghha illi azzjonista ghandu jedd ghall-informazzjoni, l-attrici noe tirreferi ghal diversi drittijiet li jirrizultaw mill-*memorandum* u l-*articles of association*, mill-Kap 386, kif ukoll mill-gurisprudenza taghna u dik estera.

Issostni l-attrici illi ma kienx irragonevoli ghaliex kull ma talbet kienu dokumenti li azzjonista ghandu dritt ghalihom.

## a) L-articles of association

L-attrici tghid illi bl-artikolu 10 ta` l-*articles of association*, li huwa in linea ma` l-Art 131 tal-Kap 386, azzjonista ghandu dritt li jircievi avvizi bil-miktub dwar il-laqghat generali, u li jekk l-avviz ma johrogx, il-laqgha ma tkunx valida.

Tirreferi ghall-artikolu 13 ta` l-*articles of association* u ghall-Art 135 tal-Kap 386, fejn jinghad illi huwa dritt ta` azzjonista li jipproponi rizoluzzjonijiet ordinarji u straordinarji. Fil-fatt saru numru ta` rizoluzzjonijiet li l-mandanti tal-attrici ghandha dritt li tkun taf dwarhom ; ghalhekk il-konvenuta kellha l-obbligu li taghti din informazzjoni.

Kien allegat illi kien hemm nuqqasijiet serji partikolarment fir-rigward mal-procedura li waslet ghax-xoljiment u ghall-istralc ta` Bonatrans. L-attrici tishaq illi sabiex il-kumpannija setghet tigi xjolta u stralcjata, kienet mehtiega rizoluzzjoni straordinarja. Din ir-rizoluzzjoni setghet biss tittiehed waqt laqgha generali. Saret referenza ghax-xiehda tal-konvenuta fejn tghid illi ma kienet saret l-ebda laqgha generali. Ghalhekk kien hemm nuqqas serju meta saret ir-rizoluzzjoni dwar ix-xoljiment u l-istralc.

Din il-Qorti tirrileva illi l-konvenuta ndikat id-dokumenti li kellha fil-pussess taghha waqt l-ezekuzzjoni ta` mandat ta` deskrizzjoni li ppreceda l-presentata ta` din il-kawza. Jidher li hafna mid-dokumenti li gew mitluba ma kinux a disposizzjoni tal-konvenuta peress li mix-xiehda taghha rrizulta illi din ma kinitx mitluba tattendi laqghat tal-bord ta` diretturi ; lanqas ma saret ebda laqgha generali annwali ta` l-azzjonisti in vista tal-fatt illi Bonatrans kellha hajja qasira.

Ir-rizoluzzjoni ghax-xoljiment u stralc ta` Bonatrans kienet iffirmata minn rapprezentanti taz-zewg azzjonisti : Malverine u Urtica Limited : bla ma saret laqgha.

Jekk l-ilment tal-attrici hija r-regolarita` tal-procedura kondotta ghax-xoljiment u ghall-istralc, allura ma kellhiex tkun din l-azzjoni li kellha tkun tentata.

Saret referenza ukoll ghall-Art 181 tal-Kap 386 fejn jinghad illi azzjonista ghandu dritt sabiex jispezzjona l-*annual accounts*, *auditor`s report* u *directors` report* waqt laqgha generali.

Saret ukoll referenza ghall-Art 366 et seq tal-Kap 386 fejn huma trattati l-istanzi meta kumpannija tkun qed tinqasam fi tnejn jew aktar, liema disposizzjonijiet jaghtu lill-azzjonisti l-opportunita` li jaghmlu spezzjoni ta` dokumentazzjoni.

Madanakollu, dawn id-disposizzjonijiet ilkoll jitkellmu dwar drittijiet li azzjonista ghandu waqt laqgha generali.

Mill-provi rrizulta li ma saret l-ebda laqgha generali.

Ghalhekk l-attrici ma tistax tfittex u ssib kenn taht dawk id-disposizzjonijiet.

**b) Gurisprudenza**

L-attrici tirreferi ghas-sentenza ta` din il-Qorti tat-13 ta` Mejju 1999 fil-kawza "**Monreal et vs Delia**" biex issostni illi l-kaz tal-lum mhuwiex wiehed wisq differenti, billi fil-kaz odjern, kien hemm trasferiment ta` ishma u xoljiment ta` kumpannija bi ksur tal-*memorandum* u l-*articles.* Kien hemm allegazzjoni minn Urtica illi sar trattament ingust u possibilment abbuzi.

L-attrici tirreferit ghas-sentenza tal-Qorti ta` New South Wales fl-Awstralja fil-kawza "**Edman v Ross"** (1922) 22 SR (NSW) 351 AT 358 fejn inghad illi d-dritt ta` azzjonista sabiex jispezzjona dokumenti jissussisti fil-kaz ta` *some specific dispute or question in which the party applying is interested, that it is only then granted to such an extent as may be necessary for the particular occasion.* Saret referenza ghall-fatt li d-dritt ta` spezzjoni ta` dokumenti u informazzjoni dwar il-kumpannija huwa permess, wara li jigu sodisfatti l-kriterji ta` *good faith* u *proper purpose.*

In sostenn l-attrici tirreferi ghall-ktieb **Shareholders` Rights and Remedies** tal-gurista Peter G Willcocks, u ghad-decizjonijiet : "**Knightswood Nominees Pty Ltd v Sherwin Pastoral Company Limited"** (1989) 15 ACLR 151 at 156 ; "**Quilan v Vital Technology Australia Limited"** (1987) 5 ACLC 389 ; u "**Garina Pty Ltd v Action Holdings Pty Ltd**" (1989) 7 ACLC 962.

Skont l-attrici, milli xehed Dr Igor Rusek irrizulta li t-talba ghall-informazzjoni saret sabiex ikunu stabbiliti fatti li kellhom impatt fuq is-socjeta` attrici. Imbaghad mix-xiehda ta` Karel Komarek Snr irrizulta illi huwa tilef il-kontroll fis-socjeta`; ghalhekk kien qed informazzjoni biex ikun jista` jara x`sehh.

**Din il-Qorti hija tal-fehma illi fil-kaz tal-lum kienet Urtica li ffirmat id-dokumentazzjoni li biha kien inizjat il-process ta` xoljiment u stralc ta` Bonatrans. Mhux kompitu ta` din il-Qorti f`kawza ta` din ix-xorta li tindaga r-regolarita` tal-procedura adottata. Jibqa` l-fatt illi l-informazzjoni relatata ma` l-operat ta` kumpannija u ma` transazzjonijiet partikolari ma jistghux ighaddu ghand l-azzjonisti. Din hija informazzjoni li l-attrici talbet bi dritt fil-kawza tal-lum, skont parametri li prefissi mill-attrici stess, haga li l-Qorti ma tistax taghmel.**

**c) *Good corporate governance***

In sostenn tat-talbiet, l-attrici tirreferi ghall-principji ta` *good corporate governance* li sabiex tkun zgurata, hija mehtiega trasparenza kif ukoll *disclosure of information.*

Huwa minnu li matul is-snin, kien hemm aktar pressjoni sabiex azzjonisti jinghataw aktar drittijiet ta` informazzjoni u aktar accessibilita` ghal dokumenti relatati mal-kumpannija li taghha jkunu membri.

Fil-kitba bl-isem "**<u>Shareholders` rights in private and public companies in Switzerland : Overview</u>**" David Ledermann u Andreas Roetheli jghidu :-

*Each shareholder has a right to receive each year a copy of :*

- *The audited accounts of the company.*
- *The management report of the board of directors.*
- *The audit report of the auditors.*

*Each shareholder has a right to obtain a copy of the minutes of the general meetings (GMs). Each shareholder has, in addition, the right to ask questions during the shareholders` meeting to the board of directors and the auditor. Such questions can relate to the general state of the company`s business or to a specific transaction. From a practical standpoint, it is advisable to communicate to the board of directors in advance the list of questions that the shareholder intends to pose at the GM, so as to enable the board of directors to be ready to answer at the GM, or to provide the shareholders with its answers ahead of the GM if the board of directors chooses to do so. The right of information of the shareholder is the same irrespective of the number of shares held.* ***In the currently contemplated reform of Swiss corporate law (not expected to enter into force before 2017, at the earliest), the shareholders would obtain the right to ask written questions to the company outside of the shareholders` meeting.***

Huma evidenti restrizzjonijiet ghall-informazzjoni li tista` tinghata fil-kaz ta` certa sitwazzjonijiet, ghalkemm hemm dritt li cahda ghal informazzjoni tigi trattata mill-qrati :-

*"Information requested by a shareholder must be provided to the extent such information is necessary for that shareholder to exercise his rights. Information can be refused if it puts in jeopardy the business secrets of the company or other worthy interests of the company. A shareholder only has a right to consult the books and accounts of the company if he is expressly authorised to do so by the shareholders` meeting or by the board of directors, and only to the extent the business secrets of the company can be preserved at the same time.*

*If a request for information or to consult the books and accounts are refused, the shareholder can request the competent court to decide whether his request has merit or not."*

Fuq l-istess linja huwa Prof Petri Mantysaari fil-ktieb "**<u>The Law of Corporate Finance – General Principles and EU Law : Volume III Funding, Exit, Takeovers</u>**" (2010 – Springers). Ighid :-

*"A further way to reduce the risk of bad management decisions is transpacrency and the disclosure of information….Disclosure of information to shareholders may help the firm to reduce shareholders` perceived risk and the cost of equity…However disclosure is not always in the best interests of the firm…A shareholder typically has unlimited information rights where the shareholder is personally liable for the obligation of the entity, .(for example in partnerships). In limited liability companies, however there is a higher risk that shareholders will abuse information disclosed to them or reveal it to third parties to the detriment of the firm. The risk can be mitigated by limiting their informarion rights in general, by limiting rights to selective (private) disclosure and by ensuring that effective non-disclosure obligations and sanctions for breach of confidential obligations are in place before making any selective obligations."*

**Ghalhekk jibqa` riaffermat il-principju li l-access ghal informazzjoni minn azzjonista ghandu jkun <u>limitat</u>.**

**d) <u>L-obbligi ta` *company promoter*</u>**

L-attrici tirreferi ghall-obbligi ta` *company promoter* li gie definit bhala dik il-persuna li tiehu l-inizjattiva li tifforma kumpanija u li tiehu l-passi necessarji biex titwettaq dik l-inizjattiva.

Sar l-argument illi l-*ultimate beneficial shareholders* ta` Bonatrans huma lkoll il-*promoters* taghha. Ghalhekk bhala tali jistghu jinzammu ghal atti jew omissjonijiet tad-diretturi u/jew ta` l-kumpannija. Ghalhekk l-attrici tishaq illi *company promoter* ghandu dritt li jkun jaf x`qed jigri fil-kumpannija. Biex isir jaf, jehtieg li jinghata t-taghrif li jirrikjedi dwar l-operat tal-kumpannija.

Ghal din il-Qorti l-argument tal-attrici huwa kemxejn imgebbed, apparti li ma jghoddx ghall-kaz tal-lum.

Tajjeb jinghad illi fil-kaz tal-lum l-*ultimate beneficial owners* mhux parti fil-kawza, ghax huma biss intervenuti.

Tajjeb li din il-Qorti tirriafferma d-dottrina u l-gurisprudenza illi tishaq illi l-intervenut fil-kawza mhuwiex l-istess bhall-kjamat fil-kawza. L-intervenut mhux parti. La huwa attur ; lanqas huwa konvenut. Huwa biss osservatur. La jista` jitlob li parti thallas l-ispejjez tieghu. Lanqas jista` jigi kundannat ihallas l-ispejjez tal-partijiet. L-intervenut ma jistax jigi kkundannat jew liberat, fis-sens li sentenza ma tistax tigi esegwita mill-intervenut fil-kawza jew vice versa ; u ma tistax sentenza tigi esegwita kontra tieghu. L-intervenut ma jsirx legittimu kontradittur – u dan a differenza tal-kjamat fil-kawza li *ope legis* jitqies bhala konvenut. L-intervenut jista` jiehu parti attiva fil-kors tal-kawza fejn ikun thalla jintervjeni u jaghmel sottomissjonijiet. U l-Qorti tista` tqis dawk is-sottomissjonijiet fid-decizjoni illi taghti.

(ara fost ohrajn id-dottrina u r-rassenja ta` gurisprudenza li tirrizulta fis-sentenza li tat din il-Qorti (**PA/LFS**) fid-29 ta` Ottubru 2010 fil-kawza "**Alex Azzopardi vs Anna Ellul**").

**Anke ghal dawn ir-ragunijiet, l-argument tal-*company promoters* li gabet l-attrici ma jistax jigi applikat ghall-kaz taht ezami.**

**e) *Letter of instructions***

L-intervenuti rrilevaw illi ai termini tal-*letter of instructions* moghtija lil Ganado & Associates, bhala firmatarji ta` l-istess, huma kienu awtorizzati jaghtu struzzjonijiet u jitolbu *inter alia* lill-*company secretary* biex tfornihom bl-informazzjoni u dokumentazzjoni.

Dan premess, tajjeb jinghad illi l-*letter of instructions* kienet iffirmata minn tliet persuni.

Il-*letter of instructions* kienet destinata u fil-fatt marret ghand Ganado & Associates **mhux** lill-konvenuta.

Tirribadixxi din il-Qorti illi l-intervenuti ma jistghux jitolbu rimedju minn din il-Qorti fil-kawza tal-lum ladarba m`humiex parti.

Intervenut mhux parti. Ghalhekk la jirbah u lanqas jitlef kawza meta jkun intervenut.

**Fic-cirkostanzi l-Qorti mhijiex sejra tezamina l-kwistjoni jekk l-intervenuti fil-kawza li ddikjaraw li huma *ultimate beneficiaries* ghandhomx dritt (inkella le) ghal informazzjoni u dokumenti ta` Bonatrans.**

Dwar taghrif dwar l-operat tal-kumpannija, din il-Qorti ma taqbilx li permezz ta` *letter of instructions* li kienet moghtija mhux lill-intimata izda lil Ganado & Associates inghata dritt lill-azzjonisti ghal informazzjoni dwar l-operat tal-kumpannija.

Id-dokument sar fi stadju meta l-kumpannija kienet ghadha mhix kostitwita.

Ghalkemm f`parti mil-*letter of instructions*, jissemmew xi servizzi ohra, l-inkariku principali kien li ssir il-kumpannija (ara d-deposizzjoni **mhux kontradetta** tal-Av. Stephen Attard).

**Din il-Qorti tqis bhala nsostenibbli l-pretensjoni attrici li l-*letter* of *instructions* kienet qeghda tkopri wkoll l-operat ta` Bonatrans.**

**3. Osservazzjonijiet ohra**

L-attrici qeghda titlob li tinghata taghrif u dokumenti, **inkluzi** dokumenti dwar l-operat tal-kumpannija, bhal rizoluzzjonijiet tal-bord tad-diretturi u transazzjoni tal-kumpannija.

It-talba qeghda ssir minn Urtica, azzjonista ta` minoranza fil-Bonatrans.

Bonatrans marret fi stat ta` xoljiment u stralc wara li saret rizoluzzjoni li kienet approvata **unanimament** mill-azzjonisti taghha, u allura Urtica **wkoll**.

Punt determinanti huwa l-fatt li Bonatrans giet xolta, stralcjata u *struck off* bl-approvazzjoni unanima ta` l-azzjonisti **kollha** taghha.

Infatti l-azzjonisti approvaw il-process shih ta` l-istralc.

**Din il-Qorti tara li ladarba Bonatrans spiccat bhala kumpannija ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, Urtica ma baqalhiex jeddijiet u/jew rimedji bhala azzjonista.**

**Fil-fehma ta` l-Qorti, l-azzjonisti jibqalhom dritt ghal dik l-informazzjoni li kellhom dritt ghaliha skont il-ligi, ossija dokumenti relatati mat-twaqqif tal-kumpannija.**

**Ladarba Bonatrans mhux biss kienet xjolta, stralcjata u mhassra mir-registru, Urtica ma setghetx tipprocedi bl-azzjoni tal-lum.**

**Seta` kellha toroq ohra.**

**Ghal ragunijiet ta` dritt, il-Qorti jkollha tieqaf hawn.**

**4. Il-konvenuta**

Jifdal il-kwistjoni dwar jekk il-konvenuta setghetx qatt tkun il-legittima kontradittur tal-attrici fi proceddiment ta` din ix-xorta.

**Andrew Muscat** ighid hekk fil-pag 1223 tal-ktieb tieghu (op. cit.) :-

"*Once a company has been dissolved and a liquidator appointed, `all the powers … of the company secretary shall cease except as may be otherwise provided in the [Title dealing with the dissolution and consequential winding up of companies]. It would appear however that the Companies Act reserves no powers to the company secretary once the liquidator has been appointed. It is therefore curious that the Companies Act chooses to declare that `the powers…of the company secretary shall cease` instead of saying that the office of the company secretary is terminated. Was the choice of wording deliberate ? Did the legislator intend the company secretary to be divested of his powers while retaining his post and duties? It is not likely that the legislator had this approach in mind. There is indeed nothing in the provisions dealing with the dissolution and consequential winding up of companies that would suggest that the company secretary retains any residual duties during this phase of the company`s existence. It would have been more appropriate for the Act to have simply stated that once a liquidator was appointed, the office of the company secretary is terminated….. The only power that appears to be retained by the company secretary during the period of liquidation is in relation to meetings of the*

*creditors and contributories which are to be summoned by the liquidator. Article 29791) of the Companies Act in fact states that `a certificate by the official receiver, or an affidavit by the liquidator or creditor, or as the case may be by some officer of the company, that the notice of any meeting has been duly posted, shall be sufficient evidence of such notice having been duly sent to the person to whom the same was addressed.*

*Given that the word `officer` includes a `company secretary`, it appears that the affidavit referred to in article 297(1) of the Act may be sworn by the company secretary. This however is the only power retained by the company secretary during the whole of the liquidation stage. Did the legislator really intend to keep the post of the company secretary during the liquidation stage merely for this purpose, when, as previously noted, the company secretary certainly has no duties during such stage? It is not likely. Whilst it is clear that the legislator intended the directors to retain some powers and duties during liquidation, it is not likely that the legislator intended that the company secretary be divested of all powers and duties except the power to make an affidavit relating to the notice of meetings, especially when such matter could be confirmed by a number of other persons. It would nevertheless have been more appropriate for the Act to have simply stated that once a liquidator was appointed, the office of the company secretary is terminated."*

**Din il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-Prof Muscat.**

**Segretarju ta` kumpannija jispicca minn kull irwol u funzjoni stabbilita mil-ligi hekk kif jinhatar l-istralcjarju.**

**Dan premess, ghandu jinghad illi fil-kaz tal-lum jirrizulta mill-atti tal-mandat ta` deskrizzjoni ezebit a fol 195 et seq tal-process illi l-konvenuta kellha fil-pussess taghha diversi dokumenti relatati mal-kumpannija li kienu elenkati minnha.**

**Il-Qorti qeghda tesprimi ruhha fis-sens illi ghad illi z-zmien tal-konvenuta bhala *company secretary* kien ghadda, ladarba kien ghad kellha ghandha dokumenti tal-kumpannija, hija kienet ghadha fl-obbligu li taghti access ghall-informazzjoni dwar it-twaqqif tal-kumpannija.**

**5. <u>Konkluzjonijiet</u>**

**Trid issir distinzjoni fil-kwalita` ta` informazzjoni mitluba.**

**L-attrici noe ghandha kull dritt li tinghata taghrif (inkluz dokumenti) dwar it-twaqqif ta` Bonatrans, ghalkemm din il-kumpannija kienet xjolta, stralcjata u mhassra mir-Registratur tal-Kumpanniji ta` Malta.**

**Fl-istess waqt l-attrici noe m`ghandha l-ebda jedd tikseb taghrif (inkluz dokumenti) dwar l-operat ta` Bonatrans.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi :-**

**Tichad l-eccezzjoni ulterjuri.**

**Tichad l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet.**

**Tichad ir-raba` eccezzjoni limitament u safejn din tirrelata mat-taghrif kollu (inkluz dokumenti) dwar it-twaqqif tal-kumpannija Bonatrans Group Holdings Limited (C49189).**

**Tilqa` ir-raba` eccezzjoni limitatament u safejn din tirrelata mat-taghrif kollu (inkluz dokumenti) dwar l-operat tal-kumpannija Bonatrans Group Holdings Limited (C49189).**

**Tilqa` l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet attrici limitatament u safejn it-taghrif (inkluz dokumenti) huwa relatat biss mat-twaqqif tal-kumpannija Bonatrans Group Holdings Limited (C49189).**

**Tichad l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet attrici limitatament u safejn dawn jirrigwardaw taghrif (inkluz dokumenti) li huwa relatat mal-operat tal-kumpannija Bonatrans Group Holdings Limited (C49189).**

**Riferibbilment ghat-tielet talba, tordna lill-konvenuta sabiex sa zmien xahar mil-lum taghti lill-attrici noe t-taghrif kollu (inkluz dokumenti) li huwa relatat mat-twaqqif tal-kumpannija Bonatrans Group Holdings Limited (C49189).**

**L-ispejjez relatati mas-sentenza tal-lum jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**